



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 17.7.2015  
COM(2015) 338 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL  
U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW**

**IT-TĦADDIM TAD-DIRETTIVA 98/34/KE MILL-2011 SAL-2013**

{SWD(2015) 137 final}

## Werrej

Sommarju Eżekuttiv .....	2
PARTI I: STANDARDIZZAZZJONI .....	3
1. Introduzzjoni.....	3
2. PROĊEDURA TA' INFORMAZZJONI .....	3
2.1. <i>It-tħaddim tal-proċedura mill-2011 sal-2012</i> .....	3
2.2. <i>Konklużjoni</i> .....	3
3. Mandati .....	4
3.1. <i>It-tħaddim tal-proċess tal-ħruġ tal-mandati 2011-2012</i> .....	4
3.2. <i>It-tendenzi fil-mandati</i> .....	4
3.3. <i>Konklużjoni</i> .....	5
4. Oġġezzjonijiet formali.....	6
4.1. <i>It-tħaddim tal-proċedura mill-2011 sal-2012</i> .....	6
4.2. <i>Konklużjoni</i> .....	6
5. Qafas Leġiżlattiv Ġdid .....	6
PARTI II: REGOLAMENTI TEKNIĊI .....	7
1. ŻVILUPPI 2011-2013 .....	7
1.1. <i>L-użu tal-proċedura fiil-kuntest ta' "Regolamentazzjoni aħjar"</i> .....	7
1.2. <i>L-użu tal-proċedura biex titjeb il-Kompetittività</i> .....	8
1.3. <i>It-titjib fil-ġestjoni tal-proċedura 98/34</i> .....	9
2. Applikazzjoni tal-proċedura 98/34 .....	9
2.1. <i>L-effettività: ħarsa ġenerali</i> .....	9
2.2. <i>L-użu tal-proċedura ta' urġenza</i> .....	13
2.3. <i>In-notifika ta' 'miżuri ta' inċentivi fiskali jew finanzjarji'</i> .....	13
2.4. <i>Is-segwitu għar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni</i> .....	14
2.5. <i>Is-segwitu għall-proċedura ta' notifika</i> .....	14
2.6. <i>Id-djalogu mal-Istati Membri</i> .....	14
2.7. <i>It-talbiet għal aċċess għal dokumenti maħruġa skont id-Direttiva 98/34</i> .....	15

2.8. *Konklużjoni* ..... 15

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport janalizza l-applikazzjoni tal-proċeduri stipulati fid-Direttiva 98/34/KE<sup>1</sup> mill-2011 sal-2013 f'dak li għandu x'jaqsam ma' regolamenti tekniċi u għall-2011 u l-2012 dwar l-istandards (il-parti tal-istandardizzazzjoni tad-Direttiva 98/34/KE ġiet irrevokata mill-1 ta' Jannar 2013 mir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea<sup>2</sup>, sabiex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi futuri fl-istandardizzazzjoni Ewropea). Ir-rapport jenfasizza l-kontribuzzjoni importanti tal-proċedura ta' notifika għall-funzjonament tas-suq uniku u għall-implimentazzjoni tal-politika ta' Regolamentazzjoni Aħjar<sup>3</sup>.

Il-parti tal-istandardizzazzjoni tikkonsisti fil-proċedura tal-informazzjoni dwar l-istandards, it-talbiet li l-Kummissjoni tagħmel lill-Organizzazzjonijiet tal-Istandardizzazzjoni Ewropej (ESOs)<sup>4</sup> għal xogħol ta' standardizzazzjoni ("mandati") u oġġezzjonijiet formali skont l-istandards. Kull waħda minn dawn l-attivitajiet uriet li hija element importanti fit-tfassil tas-suq uniku. Il-proċedura tal-informazzjoni rriżultat fit-trasparenza tal-istandards kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell Ewropew, u inkoraġġiet lill-Korpi tal-Istandardizzazzjoni Nazzjonali (NSBs) biex ikomplu jieħdu inizjattivi fil-livell Ewropew, xi ħaġa li mbaġhad tippromwovi l-armonizzazzjoni Ewropea. L-oġġezzjonijiet formali ppermettew lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-istandards jilhqqu l-għanijiet tar-regolament meta użati għall-iskopijiet tal-leġiżlazzjoni "Approċċ Ġdid". Il-mandati provdew il-mezzi li bihom ir-relazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u l-korpi tal-istandardizzazzjoni tiġi stabbilita; l-interfaċċa bejn il-livell ta' politika u l-espressjoni teknika tiegħu.

Fil-qasam tar-regolamenti tekniċi, in-notifika lill-Kummissjoni dwar regolamenti tekniċi nazzjonali qabel l-adozzjoni tagħhom reġġet uriet li kienet strument effettiv għall-prevenzjoni tal-ostakli għall-kummerċ u għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u fost l-Istati Membri nnifishom. Il-proċedura ta' notifika hija wkoll għodda importanti biex tiggwida l-attività regolatorja nazzjonali f'ċertu setturi li qed jiżviluppaw u biex ittejjeb il-kwalità tar-regolamenti tekniċi nazzjonali – f'dak li għandu x'jaqsam mat-trasparenza, mal-leġġibilità u mal-effikaċja – f'oqsma mhux armonizzati jew parzjalment armonizzati. Iż-żieda fiċ-ċarezza fil-qafas legali ta' kull Stat Membru għenet lill-operaturi ekonomiċi biex inaqqsu l-ispiża tal-aċċess għar-regolamenti u biex japplikawhom b'mod korrett.

<sup>1</sup> Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura dwar l-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU L 204 ta' 21.07.1998), kif ġiet emendata bid-Direttiva 98/48/KE (ĠU L 217 ta' 05.08.1998).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12–33.

<sup>3</sup> Pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-ambjent regolatorju, COM (2002) 278 finali. Ara wkoll *Regolamentazzjoni Aħjar għat-Tkabbir u għall-Impjiegi fl-Unjoni Ewropea*, COM (2005) 97 finali; *L-Implimentazzjoni tal-programm Komunitarju ta' Lisbona: Strateġija għas-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju*, COM (2005) 535 finali; *Reviżjoni strateġika ta' Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea* COM (2006) 689; *It-tieni reviżjoni strateġika ta' Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea*, COM (2008) 32, *It-Tielet Reviżjoni Strateġika ta' Regolamentazzjoni Aħjar fl-Unjoni Ewropea*, COM (2009) 15 *Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea* COM(2010) 543.

<sup>4</sup> CEN (Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni), CENELEC (Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika) u ETSI (L-Istitut Ewropew tal-Istandards tat- Telekomunikazzjoni).

## **PARTII: STANDARDIZZAZZJONI**

### **1. INTRODUZZJONI**

Din it-taqsimha tiddeskrivi t-tħaddim tal-parti tal-istandardizzazzjoni tad-Direttiva 98/34/KE li tkopri tliet attivitajiet prinċipali: il-proċedura tal-informazzjoni dwar l-istandards, it-talbiet tal-Kummissjoni lill-Organizzazzjonijiet tal-Istandardizzazzjoni Ewropej għal xogħol ta' standardizzazzjoni (mandati<sup>5</sup>) u oġġezzjonijiet formali skont l-istandards li jappoġġjaw id-Direttivi "Approċċ Ġdid". Tippetvd u tispjega statistika għall-perjodu 2011-2012, minħabba li l-parti tal-istandardizzazzjoni tad-Direttiva 98/34/KE ġiet irrevokata mill-1 ta' Jannar 2013 bir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea.

### **2. PROĊEDURA TA' INFORMAZZJONI**

Il-proċedura ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards hija maħsuba għas-sorveljanza tal-attivitajiet ta' standardizzazzjoni ġodda introdotti mill-NSBs (kif rikonoxxuti skont id-Direttiva 98/34/KE). Is-sistema ta' notifika ġiet stabbilita primarjament biex korpi oħra jkun jistgħu jikkumentaw u jipparteċipaw fix-xogħol jew jitolbu li tittieħed inizjattiva fil-livell Ewropew (ara l-Anness 1).

#### ***1.1. It-tħaddim tal-proċedura mill-2011 sal-2012***

Il-proċedura baqgħet taħdem b'suċċess mill-2011 sal-2012. Mir-rapporti pprovduti mis-CEN u s-CENELEC kull sena, jidher li l-medja annwali tal-miżuri nazzjonali baqgħet relattivament stabbli fl-2011 u fl-2012. L-Anness 2 jagħti rendikont skont l-Istat Membru.

Meta wieħed iqabbel l-istatistika tal-perjodu 2011-2012 ma' perjodi preċedenti, l-għadd ta' notifikati magħmula mill-pajjiżi tal-UE 27 baqa' stabbli b'bejn 1750 u 2000 notifika kull sena (mingħajr ma ġiet ikkunsidrata s-sitwazzjoni eċċezzjonali fl-2010).

L-analiżi settorjali (Anness 3) turi li s-settur tal-kostruzzjoni, fl-iktar sens wiesa' tiegħu, għadu jiddomina n-notifiki nazzjonali fis-CEN. Prodotti tal-ikel u prodotti petroliferi kienu wkoll qasam sinifikanti fis-CEN. Fis-CENELEC, l-aċċessorji elettriċi, il-kejbils tal-elettriku, u l-installazzjonijiet elettriċi fil-bini kienu subsettori sinifikanti kemm fl-2011 u kif ukoll fl-2012.

L-informazzjoni mxerrda skont il-proċedura baqgħet tagħti lok għal talbiet għal aktar informazzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni, kif ukoll għal domandi dwar il-waqfien totali (l-Artikolu 7) li ġejjin jew min-notifiki jew minn sorsi oħra.

Apparti mis-sitwazzjoni pjuttost eċċezzjonali tal-2010, l-għadd ta' notifikati kien relattivament stabbli jew saħansitra naqas mill-2006. Dan japplika wkoll għall-Istati Membri li ngħaqdu mal-UE fl-2004 u fl-2007 u jista' jiġi interpretat bħala sinjal ta' integrazzjoni tajba fis-sistema minħabba li l-attività ta' standardizzazzjoni tidher li qed tiċċaqlaq mil-livell nazzjonali għal dak Ewropew. B'mod ġenerali, il-proċedura hija applikata sew u taħdem tajjeb.

#### ***1.2. Konklużjoni***

Il-proċedura ta' informazzjoni għad għandha rwol importanti fl-inkoraġġiment tal-korpi tal-istandardizzazzjoni nazzjonali sabiex iqarrbu l-inizjattivi tagħhom lejn il-livell Ewropew, u

---

<sup>5</sup> Il-mandati huma talbiet li jirrappreżentaw stedina lill-ESOs li jistgħu jiġu aċċettati taħt ċerti kundizzjonijiet.

b'hekk jinkoraġġixxu s-suq uniku u l-armonizzazzjoni Ewropea. In-notifiki mill-Istati Membri tal-UE 12 huma stabbli, u dan jista' jitqies bħala sinjal tajjeb tal-integrazzjoni tagħhom fis-sistema.

Mill-1 ta' Jannar 2013, il-parti tal-istandardizzazzjoni tad-Direttiva 98/34/KE ġiet imħassra bir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea sabiex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi futuri fl-istandardizzazzjoni Ewropea. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-iżvilupp miżjud tal-istandards għas-servizzi, l-evoluzzjoni ta' strumenti ta' standardizzazzjoni barra l-istandards formali, u r-rekwiżiti miżjuda dwar l-inklużività tas-sistema tal-istandardizzazzjoni Ewropea. Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 madankollu għandu proċedura ta' informazzjoni simili għal dik ġestita skont id-Direttiva 98/34/KE, iżda kemxejn varjata.

### **3. MANDATI**

Il-“mandati” tal-istandardizzazzjoni huma għodda tal-Kummissjoni stabbilita sew sabiex jinkisbu speċifikazzjonijiet tekniċi li jappoġġjaw il-leġiżlazzjoni u/jew il-politika Ewropea. Dawn huma talbiet lill-ESOs għal xogħol ta' standardizzazzjoni u jipprovdu qafas ta' referenza għal dak ix-xogħol (ara l-Anness 1). Dawn huma indispensabbli f'każijiet fejn l-istandards jappoġġjaw il-leġiżlazzjoni, pereżempju fil-kuntest tad-Direttivi "Approċċ Ġdid".

#### ***1.3. It-tħaddim tal-proċess tal-ħruġ tal-mandati 2011-2012***

Fil-perjodu ta' rapportar, inħareġ total ta' 43 mandat lill-ESOs, inklużi tmien mandati ta' emenda. Il-proporzjon tal-emendi huwa relattivament oġġla meta mqabbel ma' dak tas-snin ta' qabel (ara l-Anness 4). Anke l-ġhadd ta' mandati li għandhom x'jaqsmu mad-Direttivi "Approċċ Ġdid" (13, flimkien mat-tmien emendi) żdied meta mqabbel mal-perjodu preċedenti.

Il-proċess tal-ħruġ tal-mandati jaħdem tajjeb. Il-konsultazzjoni informali mwettqa qabel ma d-dokumenti jiġu ċċirkolati lill-membri tal-Kumitat dwar l-Istandards u r-Regolamenti Tekniċi jfisser li mandat ikun normalment kiseb qbil konsenswali qabel ma tinbeda l-konsultazzjoni formali.

Il-partijiet Ewropej li għandhom interess fl-istandardizzazzjoni – ANEC (L-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Koordinazzjoni tar-Rappreżentanza tal-Konsumatur fl-Istandardizzazzjoni), ECOS (L-Organizzazzjoni Ambjentali taċ-Ċittadini Ewropej fil-qasam tal-Istandardizzazzjoni), NORMAPME (L-Uffiċċju Ewropew tas-Snajja' u tal-Impriżi Żgħar u Medji għall-Istandardizzazzjoni) u ETUI-REHS (L-Istitut Ewropew tat-Trejdjunjins – Riċerka, Edukazzjoni, Saħħa u Sikurezza) kienu integrati tajjeb fil-proċess matul il-perjodu ta' rapportar. Dan iġib iżjed trasparenza fil-konsultazzjoni informali.

Sabiex tkompli tizzied it-trasparenza, id-DĠ Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs għandu bażi ta' dejta tal-mandati. Dan jinkludi l-mandati kollha maħruġa fil-passat bis-serje tan-numri M/xxx. Din il-baży ta' dejta hija aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-Internet f':

<http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/mandates/index.cfm?fuseaction=search.welcome>

Il-prassi li l-Kumitat dwar l-Istandards u r-Regolamenti Tekniċi jinżamm infurmat dwar il-konsultazzjonijiet kollha tal-mandati permezz ta' lista aġġornata tkomplet matul il-perjodu.

#### ***1.4. It-tendenzi fil-mandati***

Fil-perjodu ta' rapportar, inħarġu mandati bħala appoġġ għal firxa wiesgħa ta' leġiżlazzjoni. L-aktar oqsma sinifikanti jinkludu leġiżlazzjoni dwar il-prodotti ta' kostruzzjoni, l-ekodisinn, il-

protezzjoni tal-konsumatur, u l-protezzjoni ambjentali. Il-firxa tal-oqsma leġiżlattivi turi l-importanza mogħtija lill-mudell.

Is-suġġett għall-mandati qed ikompli jitwessa'. Fl-istess ħin, mandati maħruġa għad-Direttivi "Approċċ Ġdid" xorta waħda għadhom importanti ħafna, u l-għadd tagħhom fil-fatt żdied meta mqabbel ma' perjodi ta' rapportar preċedenti. Il-mandati fl-oqsma l-oħra tal-politika jibqgħu jkun numerużi, b'mod partikolari l-protezzjoni tal-konsumatur u l-ambjent.

L-għadd ta' mandati li jappoġġjaw il-leġiżlazzjoni apparti l-"Approċċ Ġdid" (ara l-Anness 4) baqa' relattivament għoli meta mqabbel mal-aħħar perjodu u juri li dan il-mudell ta' koregolamentazzjoni qed ikompli jkun adottat fuq firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE. Mandati li jappoġġjaw id-Direttiva 2009/125/KE (id-Direttiva dwar l-Ekodisinn) kienu kontributori ewlenin f'dan il-qasam.

Inħarġu sitt mandati<sup>6</sup> matul il-perjodu 2011-2012 bħala appoġġ għad-Direttiva dwar l-Ekodisinn. Dawn il-mandati huma mmirati lejn prodotti bħal magni domestiċi tal-ħasil tal-platti, lampi, kundizzjonaturi tal-arja, pompi jew fannijiet.

Din it-tendenza għall-użu ta' mandati b'appoġġ għal-leġiżlazzjoni 'l barra mill-"Approċċ Ġdid" u f'oqsma ġodda tirrifletti s-sitwazzjoni li l-istandardizzazzjoni Ewropea qed tintuża dejjem iżjed biex tappoġġa l-politika ta' regolamentazzjoni aħjar. Dan ġie rikonxxut u saħansitra mħeġġeġ mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal- 2011 'Viżjoni strateġika għal standards Ewropej: Il-mixja 'l quddiem biex jittejjeb u jitħaffef it-tkabbir sostenibbli tal-ekonomija Ewropea sal-2020'<sup>7</sup>.

L-għadd ta' mandati li jappoġġjaw il-politika Ewropea kompli jonqos u għat-tieni darba konsekuttiva huwa kemxejn inferjuri meta mqabbel mal-perjodu ta' rapportar preċedenti. Madankollu, fost il-ħames mandati ta' politika hemm xi inizjattivi ewlenin li jippromwovu l-interoperabbiltà bħall-mandat dwar il-grilji intelliġenti jew il-mandat dwar l-industrija spazjali.

Ma nħareġ l-ebda mandat għall-istandardizzazzjoni fis-settur tas-servizz matul dan il-perjodu.

### **1.5. Konklużjoni**

Il-proċess tal-ħruġ tal-mandati hu stabbilit sew u llum il-ġurnata huwa rregolat bir-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Il-konsultazzjoni informali tal-ESOs u tal-partijiet interessati kollha, (partikolarment dawk il-partijiet interessati Ewropej li jirrappreżentaw lill-utenti ta' standards futuri) qabel il-konsultazzjoni mal-Kumitat dwar l-Istandards u r-Regolamenti Tekniċi hi essenzjali.

Sabiex tittejjeb it-trasparenza fit-tħaddim tal-Kumitat dwar l-Istandards u r-Regolamenti Tekniċi, is-servizzi tal-Kummissjoni fil-perjodu ta' rapportar komplew il-prassi introdotta fl-2006 li jistiednu lill-partijiet Ewropej li għandhom interess fl-istandardizzazzjoni, ANEC, ECOS, ETUI-REHS u NORMAPME, biex jipparteċipaw fil-laqgħa estiża tagħhom.

Il-proċess ta' ħruġ tal-mandati kien strumentali fit-tkabbir tal-irwol tal-istandardizzazzjoni f'oqsma ġodda ta' leġiżlazzjoni u politika tal-UE.

---

<sup>6</sup> Il-mandati M481, M485, M488, M495, M498 u M500 jagħmlu referenza għad-Direttiva 2005/32/KE  
<sup>7</sup> COM(2011) 311 finali tal-01.06.2011.

#### **4. OĠĠEZZJONIJIET FORMALI**

Id-direttivi "Approċċ Ġdid" fihom salvagwardji għal każijiet fejn standard armonizzat ma jippermettix li l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali tad-direttivi kkonċernati. Meta jseħħu każijiet bħal dawn, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jistgħu jintroduċu oġġezzjoni formali għall-istandard inkwistjoni li dwarha jista' jiġi kkonsultat il-Kumitat dwar l-Istandards u r-Regolamenti Tekniċi (ara l-Anness 1 għad-dettalji tal-proċedura).

##### ***1.6. It-tħaddim tal-proċedura mill-2011 sal-2012***

Meta mqabbla mas-snin preċedenti, l-għadd ta' oġġezzjonijiet li wasslu għal Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni naqas bi ftit matul il-perjodu ta' rapportar. Deċiżjoni waħda biss ġiet adottata mill-Kummissjoni li rrestrinġiet il-preżunzjoni ta' konformità. Din id-deċiżjoni madankollu kellha x'taqsam ma' żewġ oġġezzjonijiet formali kontra standard armonizzat identiku (ara l-Anness 5).

##### ***1.7. Konklużjoni***

Il-proċedura inġenerali ħadmet b'mod adegwat. Meta mqabbel mal-perjodu ta' rapportar preċedenti, il-proċess mill-wasla tal-oġġezzjoni sal-ħruġ tad-Deċiżjoni ġie mqassar b'mod sostanzjali fl-2011 u fl-2012.

B'mod simili għall-mandati, u f'għieħ it-trasparenza, il-Kummissjoni tagħmel deċiżjonijiet dwar oġġezzjonijiet formali pubbliċi b'mod konsolidat, u tagħti tabella aġġornata tal-azzjonijiet b'rabta mal-oġġezzjonijiet formali lill-Kumitat dwar l-Istandards u r-Regolamenti Tekniċi f'kull laqgħa.

#### **5. QAFAS LEĠIŻLATTIV ĠDID**

Mill-1 ta' Jannar 2013, il-parti tal-istandardizzazzjoni tad-Direttiva 98/34/KE ġiet imħassra mir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea li introduċa bidliet sinifikanti fir-rigward tal-proċedura ta' informazzjoni, tal-proċedura tal-mandati u l-oġġezzjonijiet formali.

Rapport speċifiku dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 għall-perjodu mill-2013 sal-2015 se jiġi ppreżentat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament.



## PARTI II: REGOLAMENTI TEKNIĊI

### 1. ŻVILUPPI 2011-2013

Il-proċedura ta' notifika għal regolamenti tekniċi nazzjonali (il-proċedura) tippermetti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tal-UE jeżaminaw b'mod preventiv ir-regolamenti tekniċi li l-Istati Membri għandhom l-intenzjoni li jintroduċu għall-prodotti (industrijali, agrikoli u tas-sajd) u għas-Servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ara l-Anness 6). Il-proċedura tapplika b'mod simplifikat għall-Istati Membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li huma firmatarji għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u għall-Iżvizzera u t-Turkija (ara l-Anness 9).

#### Il-benefiċċji ewlenin tal-proċedura

- Il-proċedura tippermetti li jiġu skoperti ostakli ġodda għas-suq intern qabel ma dawn ikollhom effetti negattivi, biex b'hekk jiġu evitati proċeduri tal-ksur li jieħdu ż-żmien u li jiswew il-flus.
- Tippermetti li jinstabu dawk il-miżuri protezzjonisti li jistgħu jitfasslu minn Stati Membri taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, bħal kriżi ekonomika u finanzjarja.
- Tippermetti lill-Istati Membri li jaċċertaw ruħhom mill-grad ta' kompatibbiltà tal-abbozzi notifikati mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea.
- Tippermetti djalogu effettiv bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni meta jevalwaw l-abbozzi notifikati.
- Hija għodda ta' valutazzjoni komparattiva li tippermetti lill-Istati Membri jibnu fuq l-ideat tal-imsieħba tagħhom sabiex isolvu problemi komuni dwar regolamenti tekniċi.
- Tippermetti lill-operaturi ekonomiċi, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), isemmgħu leħinhom u jadattaw l-attivitajiet tagħhom fil-ħin skont ir-regolamenti tekniċi futuri. Dan id-dritt ta' skrutinju jintuża b'mod estensiv minn operaturi ekonomiċi, u jgħin lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet nazzjonali biex jiskopru l-ostakli għall-kummerċ.
- Tikkontribwixxi għall-applikazzjoni tal-prinċipju tas-sussidjarjetà.
- Hija strument regolatorju li jista' jintuża biex jiġu identifikati oqsma fejn hija meħtieġa l-armonizzazzjoni.
- Tgħin biex titjeb il-kwalità tar-regolamenti nazzjonali u tal-UE f'konformità mal-approċċ ta' "*regolamentazzjoni aħjar*".
- Il-proċedura tikkontribwixxi għat-titjib tal-kompetittività ta' intrapriżi fil-kuntest tal-politika industrijali.

#### 1.8. *L-użu tal-proċedura fil-kuntest ta' "Regolamentazzjoni aħjar"*

Fil-Komunikazzjoni tagħha "*Regolamentazzjoni aħjar għat-**tkabbir** u l-impjegi fl-UE*"<sup>8</sup> il-Kummissjoni enfasizzat li l-mekkaniżmu ta' kontroll preventiv stabbilit bid-Direttiva 98/34/KE huwa kruċjali għat-titjib ta' regolamenti nazzjonali fuq il-prodotti u s-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika.

<sup>8</sup> Ara *supra*, in-nota f'qiegħ il-paġna 3.

Fil-qafas tal-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni sabiex tissimplifika u ttejjeb l-ambjent regolatorju<sup>9</sup>, l-Istati Membri ġew mistiedna jissottomettu studji dwar l-impatt (jew il-konklużjonijiet tagħhom) flimkien ma' abbozzi notifikati, fejn dawn l-istudji jkunu twettqu internament. L-analiżi ta' dawn l-istudji ta' impatt tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jirriflettu minn qabel dwar l-aktar strument adattat li għandu jintuża, u tippermetti lill-Kummissjoni tikkontrolla l-ħtieġa u l-proporzjonalità tal-miżuri proposti.

Il-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fil-kuntest tal-proċedura ta' notifika ta' 98/34/KE tgħin sabiex tittejjeb iċ-ċarezza u l-konsistenza tal-abbozzi tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali nnotifikati. Din il-kooperazzjoni għandha tiġi intensifikata bil-ħsieb li jkun żgurat qafas regolatorju ċar u leġibbli għal operaturi ekonomiċi filwaqt li tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa pubblika, il-konsumaturi u l-ambjent.

L-awtoritajiet nazzjonali huma mħeġġa jikkunsidraw l-aspetti li ġejjin, partikolarment:

- il-kliem tal-abbozzi: ċarezza, konsistenza, trasparenza u ċertezza legali fl-applikazzjoni tat-testi;
- il-possibbiltà tal-aċċess għar-regolamenti kollha f'xi settur partikolari permezz tal-pubblikazzjoni, kemm fuq il-karta kif ukoll onlajn, ta' verżjonijiet konsolidati tat-testijiet;
- l-identifikazzjoni u l-evitar ta' proċeduri li jimponu piżijiet amministrattivi kumplessi u onerużi iżjed milli meħtieġ fuq l-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari meta jitqiegħed prodott fis-suq.

### **1.9. L-użu tal-proċedura biex tittejjeb il-Kompetittività**

Fil-qafas tal-Istrateġija UE 2020, ġie propost approċċ ġdid tal-politika industrijali bbażat fuq analiżi kompetittiva tal-leġiżlazzjoni.

F'dan il-kuntest, fl-aħħar aġġornament tal-Komunikazzjoni dwar il-Politika Industrijali tal-10 ta' Ottubru 2012 - **Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Industrija Ewropea aktar b'saħħitha għas-servizz tat-tkabbir u t-tnedija mill-ġdid tal-ekonomija - COM (2012)582 final** – il-Kummissjoni enfasizzat li:

*"Il-Governanza u l-ostakli regolatorji tas-Suq Intern jinħolqu wkoll minn oqsma ta' politika li huma rregolati mill-Istati Membri, pereżempju regoli tekniċi, rifjuti li jiġi applikat ir-rikonossiment reċiproku u n-nuqqas ta' qbil bejn 27 sett differenti tar-regoli tat-tassazzjoni. Analiżi upstream tal-abbozzi tar-regoli tekniċi tista' tipprevjeni li jitfaċċaw ostakli regolatorji. Dan huwa preċiżament l-oġettiv tal-proċedura ta' notifika 98/34, li tirrikjedi abbozz ta' leġiżlazzjoni li jkun fih regoli tekniċi dwar prodotti u servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni li jridu jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni qabel ma jiġu adottati. In-natura preventiva ta' din il-proċedura evitat għadd kbir ta' kontravvenzjonijiet tar-regoli dwar il-moviment liberu tal-prodotti. Din il-proċedura ta' notifika tista' tintuża wkoll, biex ittejjeb il-leġiżlazzjoni nazzjonali f'konformità mal-prinċipji tar-"Regolamentazzjoni Aħjar" u permezz tal-valutazzjoni komparattiva. Il-potenzjal tagħha jista' jiġi sfruttat iktar billi jkun hemm rakkomandazzjoni li l-Istati Membri jużaw l-ittestjar tal-kompetittività fil-kuntest tal-valutazzjonijiet nazzjonali tal-impatt".*

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-politika industrijali tagħmel referenza espliċita għad-Direttiva 98/34/KE li, minbarra r-rwol tagħha bħala strument ta' prevenzjoni tal-ostakli għall-kummerċ fl-UE għandha l-għan li tinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jipproċedu għal analiżi tal-kompetittività tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

<sup>9</sup> Ara *supra*, in-nota f'qiegħ il-paġna 3.

Dan l-approċċ ġie approvat mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija tal-Parlament Ewropew fir-*rapport tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar ir-riindustrializzazzjoni tal-Ewropa biex jiġu promossi l-kompetittività u s-sostenibbiltà (2013/2006(INI))* fejn huwa ħeġġeġ l-isfruttament ulterjuri tal-potenzjal tal-proċedura ta' notifika 98/34, u ssuġġerixxa li l-Istati Membri jintroduċu l-analiżi tal-impatt fuq il-kompetittività fil-valutazzjonijiet tal-impatt imwettqa fl-istadji tat-tfassil tal-proċessi leġiżlattivi nazzjonali, fil-qafas usa' tat-“Test tas-Suq Uniku” mitlub mir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Frar 2013 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-governanza tas-Suq Uniku.

F'dan il-kuntest, l-Istati Membri, minn Marzu 2014, ġew mistiedna jħejju, fuq bażi regolari, analiżi kompetittiva tal-leġiżlazzjoni nazzjonali notifikata skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura stabbilita bid-Direttiva 98/34/KE.

### ***1.10. It-titjib fil-ġestjoni tal-proċedura 98/34***

Il-Kummissjoni kompliet twettaq diversi kampanji matul l-2011-2013 sabiex iżżid it-trasparenza u d-djalogu mal-awtoritajiet nazzjonali. Il-bażi tad-dejta TRIS (*Sistema ta' Informazzjoni ta' Regolamenti Tekniċi*) rat titjib kontinwu.

Il-Kummissjoni ħadmet fuq it-tiġdid tas-sit web pubbliku ta' TRIS (<http://ec.europa.eu/growth/tools-databases/tris/en/>) biex tispjega l-proċedura 98/34 b'mod aktar aċċessibbli u biex tintlaħaq udjenza usa', speċjalment l-SMEs. Il-Kummissjoni tiżgura aċċess għall-pubbliku għall-abbozzi notifikati, fit-23 lingwa uffiċjali tal-UE, u għall-informazzjoni essenzjali dwar il-proċedura. Ġiet osservata żieda kostanti fl-għadd ta' konsultazzjonijiet onlajn: mill-2011 sal-2013 l-għadd ta' tfittxijiet żdied b'10 % biex b'hekk laħaq bejn wiehded u ieħor 212,000-il tfittxija fl-2013 (ara l-Anness 10). Aktar minn 4300 operatur ekonomiku abbonaw għal-lista postali ta' TRIS, li hija żieda ta' 25 % mill-2010.

Fl-2012-2013, il-Kummissjoni pproduċiet ukoll filmat dwar il-proċedura 98/34. Il-messaġġ kien li jiġi spjegat b'mod sempliċi u attraenti l-funzjonament tal-proċedura u l-benefiċċji tagħha għall-impriżi, li jinkoraġġixxi parteċipazzjoni attiva minn intrapriżi, b'mod speċjali l-SMEs, u li jispjega kif jistgħu jagħmlu l-aħjar użu mill-għodod eżistenti (siti web, bażijiet tad-dejta, sistemi ta' twissija). Dan il-filmata kien ippublikat fil-11 ta' Settembru 2013 u huwa aċċessibbli permezz ta' dan il-link - <http://www.youtube.com/watch?v=ziuAklsNKdI>. Ġie promoss fuq netwerks soċjali u ġie aċċessat 2675 darba minn partijiet interessati mill-pubblikazzjoni tiegħu.

## **2. APPLIKAZZJONI TAL-PROĊEDURA 98/34**

### ***1.11. L-effettività: ħarsa ġenerali***

#### **► Volum ta' notifiċi u setturi involuti**

Mill-2011 sal-2013, il-Kummissjoni rċeviet 2114-il notifiċa (675 fl-2011, 734 fl-2012 u 705 fl-2013).

**Simili għall-perjodu ta' rapportar preċedenti, għal darb' oħra, is-settur tal-kostruzzjoni kellu l-ogħla għadd ta' notifiċi matul il-perjodu ta' rapportar.** Bosta miżuri marbuta mal-effiċjenza enerġetika tal-bini u l-istrutturi tal-konkrit, mal-pavimentar tat-toroq u l-materjali kostitwenti u mas-sikurezza kontra n-nar tal-bini. Il-kostruzzjoni mill-ġdid kienet segwita mill-**prodotti tal-agrikoltura u mill-oġġetti tal-ikel u x-xorb**. F'dan is-settur, diversi miżuri kellhom x'jaqsmu mal-iġjene tal-ikel, mal-kompożizzjoni u mal-ittikkettjar ta' oġġetti tal-ikel u xorb, mal-ippakkjar tal-ikel, mal-prezzijiet minimi għax-xorb alkoħoliku, mal-kompożizzjoni u mal-kummerċjalizzazzjoni ta' xorb alkoħoliku u mhux alkoħoliku. In-

notifiki żdiedu fis-**settur tat-telekomunikazzjonijiet** (tagħmir tar-radju u tagħmir terminali tat-telekomunikazzjoni, interfaċċji tar-radju, hardware u software għall-ġbir, il-ġestjoni u l-użu ta' dejta miġbura minn mekkaniżmi elettroniċi installati abbord il-vetturi (il-kaxxa s-sewda)) u fis-**settur ambjentali** (l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, il-prodotti riċiklabbli, l-ipproċessar tal-iskart bijodegradabbli) (ara l-Anness 8.3).

### ► **Kwistjonijiet eżaminati**

Fl-**oqsma mhux armonizzati**, soġġetti għall-konformità mal-Artikoli 34-36 (il-moviment liberu tal-merkanzija) u 49 u 56 (id-dritt ta' stabbiliment u l-libertà li jingħataw is-servizzi) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE), ir-reazzjonijiet tal-Kummissjoni kienu maħsbua biex jiġbdu l-attenzjoni tal-Istati Membri dwar l-ostakoli potenzjali għall-kummerċ li setgħu jinħolqu b'miżuri mhux meħtieġa li huma sproporzjonati għall-oġġettivi mixtieqa. Għaldaqstant, il-Kummissjoni żgurat il-konformità ma' dawn il-prinċipji u barra minn dan baqgħet tistieden lill-Istati Membri biex jinserrxu klawżoli ta' rikonoxximent reċiproku f'kull abbozz ta' regolament tekniku li jaqqa' lil hinn mill-qasam armonizzat.

Fl-**oqsma armonizzati**, ir-reazzjonijiet kienu intiżi biex jiżguraw li l-miżuri nazzjonali kienu meħtieġa, ġustifikati u kompatibbli mal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE.

- Fl-2011, l-2012 u l-2013 l-Istati Membri nnotifikaw 512-il abbozz ta' regolamenti tekniċi fil-qasam tal-**kostruzzjoni**. Dawn l-abbozzi kellhom x'jaqsmu mat-tipi kollha ta' prodotti għall-kostruzzjoni, fosthom, strutturi ta' pontijiet u strutturi tat-toroq tal-konkrit, kisi tal-qatran għall-bjut tal-bini, tagħmir għat-tifi tan-nar u għas-salvataġġ, iżolament termiku, materjali tal-mili sintetiċi, strutturi tal-konkrit, installazzjonijiet elettriċi fuq l-istrutturi tal-konkrit u ġeww fihom, materjali metalliċi li jiġu f'kuntatt mal-ilma tax-xorb.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni eżaminat l-abbozzi ta' regolamenti tekniċi li jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi jew testijiet addizzjonali għal prodotti għall-kostruzzjoni li jostakolaw il-moviment ħieles ta' prodotti li jkunu ttikkettati bil-marka KE. L-abbozzi notifikati ġew analizzati prinċipalment skont id-Direttiva 89/106/KEE dwar il-prodotti tal-kostruzzjoni<sup>10</sup> u r-Regolament (UE) Nru 305/2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE<sup>11</sup>.

Il-Kummissjoni eżaminat ukoll abbozzi ta' leġiżlazzjoni li jipprojbixxu l-istallazzjoni ta' fran taż-żejt fossili u fran tal-gass naturali f'bini ġdid ħliet meta l-fran taż-żejt u tal-gass jużaw biss l-enerġija rinnovabbli. L-abbozz notifikat ġie eżaminat skont id-Direttiva 2009/142/KE dwar tagħmir li juża l-gass (GAD)<sup>12</sup> u d-Direttiva 92/42/KEE

<sup>10</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini, ĠU L 40, 11.2.1989, p. 12-26.

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE, ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5-43.

<sup>12</sup> Id-Direttiva 2009/142/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 rigward tagħmir li juża l-gass, ĠU L 330, 16.12.2009, p. 10-27.

dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza għal kaldaruni tal-miżun ġodda li jaħdmu b'karburanti likwidi jew gassużi<sup>13</sup>.

Ir-regolamenti tekniċi dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini ġew ivvalutati skont id-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija<sup>14</sup>, fid-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija<sup>15</sup> u d-Direttiva 2009/125/KE li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija<sup>16</sup>.

- Fis-setturi tal-oġġetti tal-ikel u dawk agrikoli, mill-2011 sal-2013 l-Istati Membri nnotifikaw 393 abbozz ta' regolamenti tekniċi. Dawn l-abbozzi kellhom x'jaqsmu fost l-oħrajn ma' materjali li jiġu f'kuntatt mal-oġġetti tal-ikel, ix-xorb enerġetiku, ix-xaħmijiet trans fil-prodotti tal-ikel, l-inbid u l-ispiriti, l-ittikkettjar ta' oġġetti tal-ikel, b'mod partikolari d-dikjarazzjonijiet alimentari, il-marki dwar il-kwalità, il-benessri tal-annimali tal-pil u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-pil.

Ċerti Stati Membri nnotifikaw abbozzi ta' regolamenti li jimponu restrizzjonijiet jew projbizzjonijiet fuq l-imballaġġ tal-ikel li jkun fih il-bisfenol A u b'mod partikolari l-imballaġġ ta' ikel maħsub għal tfal bejn 0 u 3 snin, kif ukoll dwar it-twissija tas-saħħa biex titwaħħal fuq l-imballaġġ li jkun fih il-bisfenol A. Dawn in-notifiki ġew eżaminati skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-merkanzija u r-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel<sup>17</sup>.

Matul il-perjodu rilevanti, il-Kummissjoni eżaminat ħafna notifiki dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel u ħarġet opinjonijiet dettaljati u kummenti fuq il-bażi tar-Regolamenti (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel<sup>18</sup>, (KE) Nru 853/2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali<sup>19</sup> u (KE) Nru 854/2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffidjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman<sup>20</sup>.

Notifikazzjonijiet oħra kellhom x'jaqsmu mat-tikkettjar tal-prodotti tal-ikel u l-Kummissjoni evalwat il-kompatibbiltà tagħhom mad-Direttiva 2000/13/KE dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar,

---

<sup>13</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/42/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-ħtiġiet ta' effiċjenza għal kaldaruni tal-miżun ġodda li jaħdmu b'karburanti likwidi jew gassużi, ĠU L 167, 22.6.1992, p. 17–28.

<sup>14</sup> Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE, ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1–56.

<sup>15</sup> Id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13–35.

<sup>16</sup> Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija, ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10–35.

<sup>17</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' l-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE, ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4–17.

<sup>18</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti tal-ikel, ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1–54.

<sup>19</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali, ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55–205.

<sup>20</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffidjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman, ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206–320.

preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti ta' l-ikel<sup>21</sup>, u r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-ġhotti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi<sup>22</sup>.

- Fis-settur tas-servizzi tas-Soċjetà tal-Infurmazzjoni kien hemm 99 notifika. Diversi notifiki kienu fil-qasam tal-logħob tal-azzard, filwaqt li oħrajn kienu jirrigwardaw, fost l-oħrajn, id-drittijiet tal-awtur fl-ambjent diġitali, is-servizzi tal-midja awdjoviżivi fuq talba, il-kummerċ elettroniku, is-servizzi tal-firem elettroniċi u servizzi fiduċjarji oħrajn.
- Mill-2011, l-Istati Membri nnotifikaw serje ta' regolamenti tekniċi dwar l-istrumenti tal-kejl. Dawn l-abbozzi kienu jikkonċernaw diversi tipi ta' apparat ta' kejl bħall-meters tal-gass, tal-elettriku u tas-sħana, tassimetri jew rifrattometri bil-priżma u kienu jistipulaw dwar ir-rekwiżiti speċifiċi li dawn l-istrumenti jridu jissodisfaw. In-notifiki dwar il-meters tal-gass, tal-elettriku u tas-sħana u t-tassimetri ġew analizzati prinċipalment skont id-Direttiva 2004/22/KE dwar l-istrumenti tal-kejl<sup>23</sup>. In-novià kienet tikkonsisti fi proġetti ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti ġodda, li jaqgħu ukoll taħt id-Direttiva 2004/22/KE, li huma pjuttost kumplessi minħabba l-ħtiġijiet tal-kombinazzjoni ta' inġinerija mal-IT u mal-kommunikazzjoni, il-privatezza tad-dejta u l-aspetti tas-sigurtà.
- Fis-settur tal-kimika, il-Kummissjoni rċeviet 76 notifika. Xi wħud minnhom kellhom x'jaqsmu mad-dikjarazzjoni annwali dwar is-sustanzi tan-nanopartiċelli kif ukoll abbozzi ta' leġiżlazzjoni li jipprojbixxu l-importazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti li fihom ċerti ftalati maħsuba għall-użu fuq ġewwa jew li jistgħu jiġu f'kuntatt mal-ġilda jew mal-membrani mukużi. L-abbozzi notifikati ġew prinċipalment eżaminati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)<sup>24</sup>.
- Fis-settur tal-ambjent, il-Kummissjoni eżaminat 141 abbozz ta' regolamenti. Il-kundizzjonijiet għall-użu ta' dikjarazzjonijiet ambjentali dwar oġġetti u imballaġġ tal-plastik ġew stabbiliti b'xi abbozzi nnotifikati filwaqt li oħrajn ipprojbixxew il-kummerċjalizzazzjoni tal-basktijiet kummerċjali mhux bijodegradabbli. Dawn in-notifiki ġew analizzati prinċipalment fid-dawl tad-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ<sup>25</sup>.

Permezz tal-proċedura 98/34 l-Kummissjoni setgħet tintervjeni f'setturi fejn l-armonizzazzjoni kienet prevvista jew għadha għaddejja fil-livell tal-Unjoni Ewropea u għalhekk l-Istati

<sup>21</sup> Id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 20 Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel, ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29-42.

<sup>22</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-ġhotti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 608/2004, ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18-63.

<sup>23</sup> Id-Direttiva 2004/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-istrumenti tal-kejl, ĠU L 135, 30.4.2004, p. 1-80.

<sup>24</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1-849.

<sup>25</sup> Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10-23.

Membri ma setgħux jintroduċu miżuri nazzjonali diverġenti. Kif indikat fl-Artikoli 9(3) u 9(4) tad-Direttiva 98/34/KE, il-Kummissjoni ibblokkat l-adozzjoni tal-abbozzi tal-leġiżlazzjoni nnotifikata għal tnaqqas il-xahar mid-data tan-notifika fl-oqsma ta': rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għall-mases u d-dimensjonijiet tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom; il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi; l-indikazzjoni tal-orġini taż-żejt taż-żebbuġa fuq it-tikketta u l-metodi għal indikazzjoni bħal din; termini komposti għal xorb spirituż; identifikazzjoni elettronika u servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi; fertilizzanti permessi fil-produzzjoni organika. Permezz ta' dan it-tip ta' intervent, mhux biss il-Kummissjoni evitat il-frammentazzjoni tas-suq f'oqsma fejn l-armonizzazzjoni kienet prevvista jew għadha għaddejja, iżda ngħataw ukoll ċertezza u stabbiltà akbar lill-qafas legali tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea għall-benefiċċju tal-operaturi ekonomiċi u għall-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej.

### ► **Reazzjonijiet**

Il-Kummissjoni ħarġet opinjonijiet dettaljati b'rabta ma' 208 notifika, li kienu jirrappreżentaw 9.8 % tal-għadd totali ta' abbozzi nnotifikati mill-Istati Membri matul il-perjodu ta' rapportar. Din il-figura turi żieda ta' 29.2 % fin-numru ta' opinjonijiet dettaljati maħruġa mill-Kummissjoni meta mqabbel mat-tliet snin preċedenti. Min-naħa tagħhom, l-Istati Membri ħarġu 205 opinjoni dettaljata. Mid-910 kumment maħruġa matul il-perjodu ta' rapportar, 425 saru mill-Kummissjoni u 485 mill-Istati Membri (ara l-Annessi 8.4 u 8.6).

Fi 12-il każ, il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri kkonċernati biex jipposponu l-adozzjoni tar-regolamenti notifikati għal sena minn meta jaslu minħabba x-xogħol ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea li kien għaddej f'dak il-qasam (ara l-Anness 8.5).

#### ***1.12. L-użu tal-proċedura ta' urġenza***

Minn total ta' 2114-il notifika, l-Istati Membri għamlu 87 talba sabiex japplikaw il-proċedura tal-urġenza għall-abbozzi notifikati. Il-Kummissjoni kkonfermat l-interpretazzjoni stretta tagħha tal-kundizzjonijiet eċċezzjonali meħtieġa mid-Direttiva 98/34/KE, jiġifieri ċirkostanzi serji u mhux prevedibbli relatati b'mod partikolari mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà. B'riżultat ta' dan, l-użu tal-proċedura ta' urġenza kien irrifjutat fejn il-ġustifikazzjoni ma ġietx stabbilita b'mod suffiċjenti jew fejn kienet ibbażata fuq raġunijiet purament ekonomiċi jew ta' dewmien amministrattiv nazzjonali kif ukoll; dan ġara wkoll f'każijiet fejn ma kienu seħħew ebda ċirkostanzi imprevedibbli. Il-proċedura tal-urġenza ġiet meqjusa li kienet ġustifikata f' 56 każ, b'mod partikolari dawk li kellhom x'jaqsmu mas-sustanzi psikotropiċi, il-kontroll tan-narkotiċi, l-iskart radjuattiv, l-infezzjoni tan-naħal, l-avvelenamenti kkawżati mill-intossikazzjoni tal-metanol, il-prekursori tal-isplussivi, il-protezzjoni tat-trasport tal-flus, il-projbizzjoni ta' prodotti li huma ta' ħsara għas-saħħa, il-projbizzjoni tal-pussess u l-użu tal-logħob tan-nar mhux maħsub għal individwi privati. (ara l-Anness 8.7).

#### ***1.13. In-notifika ta' 'miżuri ta' inċentivi fiskali jew finanzjarji'***

Skont id-Direttiva 98/34, l-Istati Membri jridu jinnotifikaw l-inċentivi finanzjarji u fiskali, jiġifieri regolamenti tekniċi li huma marbutin ma' miżuri fiskali jew finanzjarji li jaffettwaw il-konsum ta' prodotti jew ta' servizzi billi jinkoraġġixxu l-konformità ma' regolamenti tekniċi bħal dawn. L-ispeċifità ta' regolamenti tekniċi bħal dawn hija li l-perjodu ta' waqfien totali ma japplikax.

Matul il-perjodu 2011-2013, l-Istati Membri nnotifikaw 112-il abbozz ta' regolamenti bħala '*miżuri fiskali jew finanzjarji*'. Il-Kummissjoni tosserva li ta' spiss il-leġiżlazzjoni nazzjonali tiġi kklassifikata ħażin bħala '*miżura fiskali jew finanzjarja*' skont it-tifsira tad-Direttiva 98/34/KE meta jkun fiha xi miżura fiskali jew finanzjarja iżda mhux l-inċentiv biex

tikkonforma ma' regolamenti tekniċi b'hal dawn. Sabiex tgħin lill-Istati Membri jikklassifikaw b'mod korrett dawn ir-regolamenti tekniċi, il-Kummissjoni abbozzat Linji Gwida dwar id-definizzjoni u n-notifika ta' *'miżuri fiskali jew finanzjarji'* għall-finijiet tad-Direttiva 98/34/KE.

#### **1.14. Is-segwitu għar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni**

Mill-2011 sal-2013, il- proporzjon bejn in-numru ta' risposti mogħtija mill-Istati Membri u l-volum tal-opinjoni dettaljati maħruġa mill-Kummissjoni kien sodisfaċenti (medja ta' 86 % matul il-perjodu). Dan il-perċentwal hu l-indikatur ewlieni użat biex jevalwa l-impenn tal-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-proċedura. L-għadd ta' risposti sodisfaċenti għalkollox kien oġġla meta mqabbel mal-perjodu ta' rapportar preċedenti (medja ta' 48.4 % tul il-perjodu 2011-2013 meta mqabbel ma' 32.5 % tul il-perjodu 2009-2010) (ara l-Anness 8.8), li juri żieda fil-konformità tal-Istati Membri mal-qafas legali tas-suq intern wara r-reazzjoni tal-Kummissjoni. L-effett tar-reazzjonijiet tal-Kummissjoni kien saħansitra aktar eċċezzjonali fil-każ ta' abbozzi ta' regolamenti tekniċi notifikati li ġew irtirati wara li nġhatat opinjoni dettaljata (24 każ għall-perjodu ta' rapportar). Għal abbozzi ta' regolamenti tekniċi notifikati oħra d-djalogu għadu għaddej.

#### **1.15. Is-segwitu għall-proċedura ta' notifika**

Għall-każijiet l-oħra kollha fejn il-ksur potenzjali tal-liġi tas-suq intern tal-UE ma ġiex kompletament approvat fil-qafas tal-proċedura 98/34/KE, il-Kummissjoni għamlet investigazzjonijiet ulterjuri li, f'xi każijiet, eventwalment irriżultaw fi proġetti pilota tal-UE jew fi proċedimenti ta' ksur (l-Artikolu 258 tat-TFUE) dwar suġġetti b'halma huma l-kwalità u t-trasparenza tal-katina tal-provvista għal żjut taż-żebbuġa verġni, it-tassazzjoni ta' prodotti tal-ikel b'kontenut għoli ta' zokkor, melħ, u/jew kontenut tal-kaffeina, l-imposti fuq il-prodotti tal-ħarsien tal-ambjent, il-produzzjoni ta' ikel tradizzjonali, l-inbid u l-ispirti, il-projbizzjoni ta' prodotti maħsuba għall-użu fuq ġewwa li jkun fihom ċerti tipi ta' ftalati, il-prodotti magħmulin mill-ġilda, il-ġlud u l-pil, il-kontenut minimu ta' meraq tal-frott li għandu jkun hemm f'xarbiet abbażi tal-frott mhux alkoħoliċi u l-boroż tal-plastik.

Żewġ proċeduri ta' ksur mibdiya kontra l-Istati Membri matul il-perjodu ta' rapportar kienu bbażati fuq il-ksur tal-obbligi skont id-Direttiva 98/34/KE.

#### **1.16. Id-djalogu mal-Istati Membri**

Il-laqgħat regolari tal-Kumitat dwar l-Istandards u r-Regolamenti Tekniċi ppermettew li jiġu skambjati opinjonijiet dwar punti ta' interess ġenerali u wkoll dwar aspetti speċifiċi tal-proċedura.

Fir-rigward ta' regolamenti tekniċi, id-diskussjonijiet kienu jikkonċernaw b'mod speċjali r-rwol ta' notifikati għal kwistjonijiet ta' kompetittività nazzjonali u l-analiżi tal-impatt fuq il-kompetittività; aċċess għad-dokumenti tal-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 rigward l-aċċess pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni<sup>26</sup>; l-obbligu tal-Istati Membri li jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test finali ta' regolament tekniċu notifikat; u l-konsegwenzi legali tal-għoti ta' opinjoni dettaljata skont l-Artikolu 9(2) tad-Direttiva 98/34/KE.

Il-Kummissjoni għamlet preżentazzjoni dwar ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi; ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH); is-Sikurezza tal-Prodotti u l-Pakkett tas-Sorveljanza tas-Suq; ir-

<sup>26</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43-48.



rapport ta' evalwazzjoni tad-Direttiva 2006/123/KE dwar is-servizzi fis-suq intern<sup>27</sup>; is-sitwazzjoni attwali tas-suq intern fis-settur tal-kostruzzjoni; kwistjonijiet relatati ma' regolamenti tekniċi fil-qasam tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli; notifiċi dwar il-metroloġija u notifiċi fis-settur ferrovjarju, b'mod partikolari l-obbligi ta' notifiċa fil-qafas tad-Direttiva 2004/49/KE fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità<sup>28</sup> u d-Direttiva 2008/57/KE dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità<sup>29</sup>.

Linji gwida dwar id-definizzjoni u n-notifiċa ta' *'miżuri fiskali jew finanzjarji'* għall-finijiet tad-Direttiva 98/34/KE u l-linji gwida dwar il-*"Punt uniku ta' servizz għall-proċedura ta' notifiċa 98/34 u għall-proċeduri ta' notifiċa stipulati f'regoli speċifiċi tal-UE"* ġew ippreżentati mill-Kummissjoni.

Saru wkoll seminars f'diversi Stati Membri, li jippermettu djalogu dirett bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali involuti fil-proċedura u li jgħinu lil dawn tal-aħħar biex isiru familjari mal-elementi tal-proċedurali li ta' spiss ikunu tekniċi ħafna.

### ***1.17. It-talbiet għal aċċess għal dokumenti maħruġa skont id-Direttiva 98/34***

Mill-2011 sal-2013, il-Kummissjoni rċeviet 272 talba għal aċċess għad-dokumenti maħruġa fil-qafas tal-proċedura 98/34. Il-parti l-kbira tagħhom kellha x'taqsam mal-opinjoni dettaljati u l-kummenti mogħtija mill-Kummissjoni. F'167 mill-każijiet, l-aċċess għad-dokumenti mitluba ngħata. F'każijiet oħra, l-aċċess għad-dokumenti ġie rrifjutat filwaqt li d-djalogu mal-Istati Membri, bl-għan li jitneħħa kull ostaklu potenzjali għall-kummerċ, dejjem baqa' għaddej.

### ***1.18. Konklużjoni***

Matul l-2009 u l-2013, l-utilità tal-proċedura ġiet kompletament ikkonfermata għal darb'oħra f'dak li għandu x'jaqşam mal-effettività, it-trasparenza u l-kooperazzjoni amministrattiva.

L-approċċ preventiv u ta' netwerking tal-proċedura 98/34 naqqas b'mod sostanzjali r-riskju li l-attivitajiet regolatorji nazzjonali jsiru b'mod li joħloq ostakli tekniċi għall-moviment liberu tal-merkanzija fi ħdan is-suq intern. L-għadd kbir ta' opinjonijiet dettaljati u kummenti maħruġa matul il-perjodu ta' rapportar juri li għad hemm riskju ta' frammentazzjoni tas-suq intern għall-prodotti. Medja ta' 86 % tal-opinjoni dettaljati maħruġa mill-Kummissjoni matul il-perjodu twieġbu mill-Istati Membri kkonċernati u rriżultaw fi djalogi sabiex titneħħa kull inkompatibbiltà mal-liġi tal-UE u jiġi żgurat il-moviment liberu tal-merkanzija fi ħdan is-suq intern, u b'hekk jiġu evitati l-proċeduri ta' ksur.

Il-proċedura 98/34 ukoll ikkonfermat l-utilità tagħha fil-provvediment tal-possibbiltà li jiġu identifikati oqsma fejn l-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE tista' tkun alternattiva oħra.

<sup>27</sup> Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar servizzi fis-suq intern, ĠUL 376, 27.12.2006, p. 36-68.

<sup>28</sup> Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokkazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44-113.

<sup>29</sup> Id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità, ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1-45.

Fl-applikazzjoni tad-Direttiva 98/34/KE, il-Kummissjoni se tibqa' attenta fir-rigward tal-prinċipju ta' regolamentazzjoni aħjar u l-bżonn li jinżamm ambjent favorevoli għall-kompetittività tal-ekonomija Ewropea. L-abbozzi notifikati għadhom disponibbli b'mod elettroniku, mingħajr ħlas u fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, biex b'hekk l-operaturi ekonomiċi u partijiet interessati oħra jkunu jistgħu jikkummentaw dwarhom.

Se jitkomplew l-isforzi sabiex ikun żgurat qafas legali ċar għall-operaturi ekonomiċi bil-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-intrapriżi Ewropej fl-UE u 'l barra minnha, u dan filwaqt li jitqiesu r-rabtiet bejn il-proċedura 98/34 u dik stabbilita mill-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT) fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Il-promozzjoni ulterjuri tad-Direttiva u l-implimentazzjoni aktar b'saħħitha tagħha flimkien ma' rabta aktar qawwija mal-politika ta' segwitu u l-azzjonijiet leġiżlattivi huma kruċjali sabiex l-għanijiet tad-direttiva jinkisbu b'mod sħiħ.